**IN-NAXXAR**

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**IT-TMIEN KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 13 - L-ERBGĦA 29 TA' APRIL 2020**

Din il-laqgħa saret permezz ta' Zoom Cloud Meeting fis-18:00.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Anne Marie Muscat Fenech Adami | Sindku |
| | Dr Christopher Deguara | Viċi-Sindku |
| | Marlon Brincat | Kunsillier |
| | Mary Anne Cuomo | Kunsillier |
| | Mark Anthony Deguara | Kunsillier |
| | Joseph Spiteri | Kunsillier |
| | Noel Gatt | Kunsillier |
| | Ivan Gaffiero | Kunsillier |
| Assenti: | Stephen Abela | Kunsillier |
| | | |
| Uffiċjali preżenti: | Paul Gatt | Segretarju Eżekuttiv |
| | Romina Perici Ferrante | Accountant tal-Kunsill |

**1. QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI**

1.1 Ma kienx hemm apoloġiji.

**2. IR-RAPPORT FINANZJARJU GĦAS-SENA 2019 VERIFIKAT**

2.1 Is-SE ippreżenta r-rapport finanzjarju verifikat li kien intbagħat lill-Kunsillieri qabel il-laqgħa.

2.2 L-Accountant spjegat li l-awdituri kienu ressqu aġġustamenti li hi u s-SE qablu magħhom u allura ġew aċċettati. Dan ħalla tibdil relattivament żgħir fir-riżultat tar-rapport finanzjarju minn dak ippreżentat oriġinalment lill-Kunsill.

2.3 Wara spjega dettaljata mill-accountant, fuq proposta tas-Sindku, li kienet issekondata mill-Kunsillier Brincat u l-Kunsillier Cuomo, r-rapport finanzjarju verifikat kien approvat *nem con*.

**3. IR-RAPPORT FINANZJARJU GĦALL-EWWEL KWART TAS-SENA 2020**

3.1 Is-SE ippreżenta wkoll ir-rapport finanzjarju għall-ewwel kwart tas-sena li kien intbagħat lill-Kunsillieri qabel il-laqgħa.

3.2 Dan kien juri aktar infiq milli dħul minħabba li kienu bdew jiġu implimentati numru ta' proġetti. Dan kien qiegħed jagħmel tajjeb għalih l-akkumulu ta' riservi u wkoll kien skont dak li kien ippjanat fil-baġit tal-Kunsill.

3.3 L-accountant kompliet tispjega li dan kien qiegħed jura qagħda finanzjarja tajba bl-indikatur ikun ta' 39% meta l-bażi huwa ta' 10%.

3.4 Wara proposti tas-Sindku, li kienet issekondata mill-Viċi Sindku u mill-Kunsillier Gatt il-Kunsill approva dan ir-rapport finanzjarju *nem con*.

## 4. TMIEM IL-LAQGĦA

4.1 Il-laqgħa intemmet fis-18:15.

| | |
|---|---|
| **ANNE MARIE MUSCAT FENECH ADAMI** | **PAUL GATT DIP.MGMT (HENLEY), MIM** |
| **SINDKU** | **SEGRETARJU EŻEKUTTIV** |